# IS-SURMAST

TA' TREVOR ŻAHRA

PREŻENTAZZJONI TA' SA P.DEBONO
IS-SEMINARJU TAL-VIRTÙ

# IL-KARATTRI

Is-Surmast Karmenu Ciantar



- Jagħti impressjoni ta' telqa u nuqqas ta' serjetà fuq xogħlu.
- Traskurat, maħmuġ u għażżien
- Ibati bil-burdati – kultant ikun riħ fuq u kultant isfel – f'dawn il-ġranet allaħares tmerih.
- Il-ħbieb tiegħu fl-iskola huma s-Sur Cassar, is-Sur Delia u s-Sur Agius. Magħhom jitkellem fuq il-problemi li jkollu.

# IS-SURMAST KARMENU CIANTAR

- Jisma' dak li jgħidulu dawn il-ħbieb tiegħu u joqgħod għall-parir tagħhom.
- Għandu għadu li hu l-inspekter Abela Attard; jibża' biża' kbir minnu u dejjem jispiċċa b'rapport ħażin mingħandu.
- Ifarfar ir-responsabbiltà fuq l-għalliema.
- Hu bniedem reliġjuż u kollu devozzjonijiet, speċjalment ta' Santa Filomena.

# IS-SURMAST KARMENU CIANTAR

- Iħobb jipprietka lill-istudenti tal-iskola tiegħu u jaf jitkellem ħafna.
- Jaħrab mill-attivitajiet tal-iskola.
- Fir-raħal għandu n-nutar u t-tabib Mifsud ħbieb tiegħu u jqatta' ħafna ħin magħhom.
- Jgħix ma' oħtu Saverin u jieħu ħsiebha; imma jġegħelha tagħmel dak li jixtieq hu. Minħabba fih ħassret l-għerusija minn ma' Toninu.
- Hu kontra ż-żwieġ fil-bidu u jgħid li hu *rabta tal-boloh u t-tfal*.

# IS-SURMAST KARMENU CIANTAR

- Isir iħobb lil Doris, armla, li tiġi oħt Ġiġa, il-mara tat-tabib Mifsud, li toqgħod magħha.
- Wara d-diżappunt li kellu ma' Doris jitfa' ħarstu fuq Miss Buħaġiar.
- Jieħu sehem fil-pulitka u hu wieħed mill-partitarji tal-partit tal-Istilla.
- Iħobb u jirrispetta liz-zijiet Konsa u Marjann tal-Mosta.

# SAVERIN

- Oħt is-sur Ciantar, is-surmast.
- Hi mara kwieta, bieżla u tobdi dejjem.
- Kienet membru fis-soċjetà tal-Mużew.
- Ħabbet lil Toninu, imma ħassret l-għerusija minħabba ħuha.



# SAVERIN

- Dejjem tieħu ħsieb ħuha, is-surmast, mill-aħjar li tista'.
- Tħobb liz-zijiet tal-Mosta.
- Hi mara umli ħafna u ma tippretendihiex.



# IS-SUR AGIUS, IS-SUR DELIA U S-SUR CASSAR

- Kienu lkoll għalliema fl-iskola tas-surmast.
- Jħobbu jiskartaw fl-uffiċċju tas-surmast.
- Jafu li s-Surmast jafda fihom.
- Jagħtuh il-pariri u kultant jiddieħku bih.



# IT-TABIB MIFSUD U N-NUTAR

- Jiltaqgħu fuq il-bank u jiddiskutu diversi suġġetti
- Ġieli marru villeġġjatura flimkien għand in-Nutar bil-familja tagħhom.
- It-Tabib kien jagħmillu ċertifikat tal-mard.
- It-Tabib kien kandidat mal-partit tal-Istilla.
- Is-Surmast kien kanvaser tat-Tabib



Dun Ġużepp- il-qassis li mar għandu s-Surmast biex ikellmu fuq il-kwistjoni ta' oħtu Saverin

# DORIS

- Armla, ġiet lura mill-Ingilterra wara l-mewt ta’ żewġha.

- Marret toqgħod għand oħtha Ġiġa u t-tabib Mifsud.

- Skont is-surmast kienet ħelwa u b’karattru sabiħ - mara ideali.



- Iżżewġet lill-prokuratur legali u għalhekk iddiżappuntat lis-surmast.

# MISS BUHAGIAR

- Għalliema tajba fl-iskola tas-Sur Ciantar.
- Hi xebba kwieta u tar-rispett.
- Tiġbed is-simpatija tas-surmast wara d-delużjoni ta' Doris.



# L-INSPEKTERS

## ABELA ATTARD

- Bniedem serju li dejjem igerger dwar il-ħmieġ u d-diżordni fl-uffiċċju.
- L-akbar għadu tas-sur Karmenu Ciantar.
- Rett u organizzat f'xogħlu.
- Jinnota kollox u jippretendi ħafna.
- Dejjem għamel rapporti ħżiena fuq is-surmast.



# L-INSPEKTERS – ABELA ATTARD

- Kien inissel biża' u rabja fis-surmast.
- Kien kuġin ta' Toninu u rrabja meta sar jaf li s-surmast telliflu lil Saverin.

## FALZON:

- Kellu dehra li ddaħħak bħal bufffu tal-kummiedja u leħnu ta' serduk.
- Is-surmast ġera warajh bil-qanpiena tul il-kuritur tal-iskola.

# WIĠI L-PURTINAR



- Wiġi suppost kellu jnaddaf l-iskola.
- Kien jaqdi lis-Surmast f'kulma jkollu bżonn.
- Kien inaddaf l-aktar fin-nofs ħalli kulħadd jarah.
- Kien javża lis-Surmast malli jinduna li ġej l-inspekter.

# SANTA FILOMENA

Il-Patruna tal-iskola

tas-Sur Karm Ciantar



# KARATTRI OĦRA

## Ġiġa

- Il-mara tat-tabib Mifsud u oħt Doris.

- Mara dħulija, ċajtiera u taf tmur man-nies.

# KARATTRI OĦRA

## Konsa u Marjann

- Żewġ xebbiet imdaħħlin fiż-żmien li jgħixu l-Mosta.
- Huma z-zijiet ta' Saverin u s-Surmast.
- Wara l-mewt ta' Marjann, Konsa marret lura ħafna.